8 ta' Jannar 2009

Stqarrija għal publikazzjoni immedjata...

L-FKNK Tipprezenta l-Proposti Tagħħa Dwar l-Insib

Kif kien previst, rapprezentanti mill-Kunsill tal-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) għamlu prezentazzjoni ta' *Dossier* rigward l-Insib lill-Membri tal-Kumitat Ornis Malta fil-laqgħa tal-bieraħ tal-istess Kumitat.

Id-*Dossier* li kien ippreparat mill-istess FKNK, kien oriġinarjament diġa ġie mgħoddi lill-Gvern u lil- Oppożizzjoni. Id-*Dossier* jinkludi proposti b'soluzzjonijiet sodisfaċenti għal kullħadd, biex it-tradizzjoni soċjo-kulturali tan-namra tal-Insib Malti li hi parti ntegrali mill-ħajja tan-nassab Malti u Għawdxi tibqa ħajja u fis-seħħ minn din is-sena stess u għal ġenerazzjonijiet futuri. Id-*Dossier* bl'għajnuna ta' fatti dokumentati, jispjega wkoll kif l-insib huwa legalment ippratikat bl-użu ta' metodi simili wżati minn-nassaba Maltin u għal istess speċi ta' għasafar b'daqs tant passjoni minn nassaba oħra wkoll ċittadini tal-Unjoni Ewropea f'diversi pajjiżi oħra Stati Membri tal-Unjoni Ewropea.

Ir-rappreżentanti tal-BirdLife (Malta) fuq il-Kumitat Ornis, li ser jirċevu nofs €350,000 mill-Unjoni Ewropea biex iħejju kampanja kontra l-insib, ippruvaw jostakolaw il-preżentazzjoni tal-FKNK billi oġġezjonaw għal preżenza tal-expert appuntat mill-FKNK biex jagħmel il-preżentazzjoni. Madankollu u peress li ħadd mill-Membri l-oħra tal-Kumitat ma' għamel ebda oġġezjoni simili, l-preżentazzjoni saret lill-laqgħa.

Fil-laqgħa li jmiss tal-Kumitat Ornis skedata għal qabel l-aħħar ta' dan ix-xagħar, il-Membri tal-Kumitat ser ikomplu jiddiskutu dan id-*Dossier* dwar l-insib qabel ma jgħaddu għal xi rakkomandazzjonijiet li jkunu jridu jagħmlu lil Prim Ministru biex dan finalment jiddeċidi dwar il-futur, anki immedjat, tal-insib. Waqt din il-laqgħa l-FKNK ukoll bi ħsieba tippreżenta *Dossier* ieħor ippreparata mill-istess FKNK, din id-darba rigward il-kaċċa u l-insib tar-rebbiegħa, biex eventwalment il-Kumitat Ornis ikun f'pożizzjoni aħjar biex jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu għal darba oħra lil Prim Ministru biex dan ukoll finalment jiddeċidi dwar ftuħ ta' staġun għar-rebbiegħa 2009.

Sadanitant, l-FKNK għada qed tistenna laqgħa mall-Partit Laburista fejn ukoll ikunu jistgħu jiġu diskussi ż-żewġ *Dossiers.*

Lino Farrugia
Segretarju - FKNK